## 6.4 Il-Bini tal-Belt Valletta

| Miri ta' Tagħlim | Noti |
|---|---|
| 6.4.1 Ikunu jafu dwar il-preparamenti li saru minn qabel u dwar il-bini ta' din il-belt innifisha | It-tfal għandhom ikunu jafu l-punti prinċipali fil-bini tal-belt Valletta.<br>• Il-pjanta għal din il-belt (forma ta' grada bi triq dawra mejt madwarha)<br>• L-għajnuna li ngħatat lill-Ordni<br>• L-għażla ta' l-isem għal din il-belt<br>• Il-ħaddiema li nġabu biex ix-xogħol isir malajr<br>• Ma saret l-ebda parti riżervata għall-kavallieri biss (Collachio)<br>• Il-ġebel għal bini inqata' mill-Mandraġġ<br>• L-Ordni tmur tgħix fil-belt il-ġdida fl-1571.<br><br>Referenza: Id-Denfil 5, paġni 136-139. |
| Ikunu jafu dwar ix-xogħol ta' l-arkitetti Laparelli u Ġlormu Cassar | • Laparelli fassal il-pjanta tal-belt Valletta.<br>• Ġlormu Cassar kompla x-xogħol fuq il-belt Valletta u fassal ħafna mill-bini li hemm ġewwa l-belt. |
| 6.4.2 Jifhmu għala nbniet din il-belt | • Il-ħerba kbira li ħalla l-Assedju l-Kbir fuq il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir<br>• Il-biża' ta' attakk mill-ġdid mit-Torok<br>• Il-pożizzjoni strateġika ta' l-Għolja Xiberras bħala peniżola li kienet tħares fuq il-portijiet il-kbar |
| 6.4.3 Ikollhom tagħrif dwar il-bini importanti li hemm f'din il-belt li għadu jeżisti sal-lum | • Il-palazz tal-Gran Mastru<br>• Il-bereġ tal-kavallieri<br>• Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann<br>• Is-Sagra Infermerija |

| | |
|---|---|
| Jifhmu u japprezzaw is-sbuħija ta' din il-belt | • Belt kapitali ta' mexxejja nobbli u sinjuri<br>• Regoli biex tinżamm is-sbuħija tal-belt eż. tiżjin fil-kantunieri u skultura<br>• Bini ieħor li jsebbaħ fil-belt eż. il-bini ta' knejjes, funtani u monumenti<br>• Spinta lill-kultura eż. il-bini tat-teatru<br>• Il-bini tad-djar privati |
| 6.4.4 Ikunu esposti għall-belt kapitali ta' pajjiżna jew bi żjara għal hemmhekk inkella permezz ta' varjetà kbira ta' sorsi viżwali | Jingħataw l-opportunità li jżuru l-belt Valletta jekk dan ikun possibbli. L-użu ta' sorsi viżwali għandu jkun inkoraġġut biex jifhmu aħjar l-importanza stateġika u s-sbuħija ta' din il-belt. |